MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1350/2010

**GO p.l.c. – C-22334**

**vs**

**Sign Design Limited - C-25310**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet lis-Socjeta’ konvenuta l-hlas tas-somma ta’ erba’ mija tnejn u tletin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€432.63c), liema ammont huwa dovut lis-Socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz ta’ telekomunikazzjoni bl-akkont numru *AC 10190429* skond diversi kontijiet mibghuta lilha, u skond id-dokumenti annessi, IZY 1 prospett ghas-servizz relattiv u IZY 2 ftehim dwar is-servizz telefoniku.
Illi s-Socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra s-Socjeta’ konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li r-rapprezentant tas-Socjeta’ konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-Socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ erba’ mija tnejn u tletin Euro u tlieta u sittin centezmu (€432.63c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------